**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 051 2018**

**QW ('l-ilmentatur')**

**vs**

***Crystal Finance Investments Ltd.* (C26761)**

**('il-provditur tas-servizz'/'*Crystal*')**

**Seduta tad-9 ta' Settembru 2019**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment** fejn l-ilmentatur jissottometti li garrab telf minn investimenti li kellu mal-*Crystal Finance Investments Limited.* L-investimenti ilmentati huma specifikament zewg *bonds* diretti li l-ilmentatur kellu fuq il-kont tieghu – *5.25% Hellenic Republic 2002 – 18-5-12 SR* u *7.875% New World Resources*.

L-ilmentatur sahaq li dawn l-investimenti gew b'valur ferm baxx milli kien imwieghed u, ghaldaqstant, illum il-gurnata jhoss li ma kinux jghoddu ghalih peress li fiz-zmien li dawn gew mibjugha lilu, hu kien digà pensjonant.

Hu stqarr li r-rapprezentant tal-provditur tas-servizz naqsu peress li kien intqal lilu li, jigri x'jigri, il-gvern tal-Germanja u l-kumplament tal-Ewropa kienu ser jaghmlu tajjeb ghad-dejn tal-Grecja, fattur li wasslu sabiex jifhem li l-istess rapprezentant kien digà konxju tal-problema li kienet qed tiffaccja l-Grecja.

Fir-rigward tal-investiment fin-*New World Resources*, l-ilmentatur tenna li dan ir-rapprezentant kien qallu ukoll li peress li z-zejt kien gholi, l-industrija kienet ser tkabbar id-domanda ghall-faham.

L-ilmentatur qal li r-rapprezentant tal-provditur tas-servizz kien icempillu ta' spiss sabiex jinvesti, u hu qed jaghmel l-ilment ghax ihoss li ma nghatax parir tajjeb u, peress li kien fdah ghal bosta zmien, illum ihoss li dan ma mexiex tajjeb mieghu.

Ghaldaqstant, l-ilmentatur qed jippretendi flusu lura b'tal-anqas l-interessi bl-aktar rata minima tal-bank. Hu qed jitlob is-somma ta' €24,559 (€15,482 mill-investiment tal-Grecja u €9,077 mill-investiment fin-*New World Resources)* flimkien ma' interessi ta' 2% ghal sitt snin li jammontaw ghal €2,947.

**Ra r-Risposta tal-Provditur tas-Servizz li tghid:**

1. Illi preliminarjament, il-partijiet issottomettew ghal gurisdizzjoni tal-Qrati ta' Malta u dan *ai termini* tal-Artikolu 17 tat-*Terms of Business Agreement* (anness u mmarkat bhala **Dok CFI01**) liema artikolu jispecifika bl-aktar mod car illi '*This Agreement is subject to the Laws of Malta and any dispute, which may arise therefrom, shall be subject to the jurisdiction of the Maltese'.*

2. Illi preliminarjament ukoll u dejjem minghajr pregudizzju ghas-sueccipit u ghall-eccezzjonijiet li jsegwu, is-Socjetà Esponenti teccepixxi in-nullità tal-Ilment *ai termini* tal-Artikolu 789(1)(c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta inkwantu iffaccjata bl-Ilment kif gie redatt, is-Socjetà Esponenti ma tistax tressaq difiza adegwata billi mill-istess Ilment ma jirrizultax/jirrizultawx in-nuqqas/ijiet tas-Socjetà Esponenti li jaghtu lok ghall-Ilment u kwalunkwe dritt pretiz minnu. Fic-cirkostanzi ma huwiex possibbli li s-Socjetà Esponenti taghraf il-bazi tal-istess Ilment (u allura l-eccezzjoni u sussegwentement il-prova li trid tressaq) biex tiddefendi lilha nfisha adegwatament kif hu dritt indisputibbli taghha u xi provi tressaq biex ixxejjen il-pretensjoni ghad-danni allegati li fi kwalunkwe kaz huma r-rizultat ta' fatturi totalment estranei ghas-Socjetà Esponenti;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Ilment huwa mimli inezattezzi b'sensiela ta' allegazzjonijiet bla bazi u inveritieri sabiex jinsgu storja

artificjali tar-rapport bejn l-investitur Ilmentatur u s-Socjetà Esponenti kif se jigi ampjament ippruvat waqt is-smigh ta' dan il-kaz;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, subordinatament u fil-mertu, l-Ilment u l-allegazzjonijiet tal-Ilmentatur huma ghal kollox fiergha u infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez ghaliex f'kull waqt is-Socjetà Esponenti agixxiet kif rikjest mill-qafas regolatorju applikabbli u skont l-oghla livell ta' diligenza mistennija fil-ligi, kif jista', jekk ikun hemm il-htiega, jigi ampjament ippruvat waqt is-smigh ta' dan il-kaz;

5. Illi fil-mertu l-Ilment u t-talbiet tal-Ilmentatur huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

6. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Ilmentatur qieghed jibbaza l-Ilment tieghu li garrab telf fuq l-investiment li bhala fatt ma jaghtix lok ghal ilment validu. Fil-fatt, is-Socjetà Esponenti mhux qed tifhem fuq xiex l-Ilment li inghata parir mhux *suitable* huwa ibbazat meta qed jinghad li '*It is clear that the advice was wrong …'* u *'l-investimenti li nizzilt Sezzjoni C gew b'valur ferm baxxi milli kont imwieghed. Illum il-gurnata inhoss li ma kinux jghoddu ghalija, persuna li dak iz-zmien kont dig*à pensjonant.' Tant hu hekk illi l-*Consumer Complaints Office, MFSA,* fir-risposta taghhom bid-data 30 ta' Gunju 2016, bil-*findings* u wara l-analizi fonda taghhom '*It is opportune at this stage that you review thoroughly the basis of your complaint on the strength of the information that we procured form the entity on the basis of the documentation as presented.*' Filwaqt illi s-Socjetà Esponenti taghmilha cara illi dejjem kienet infurmat lill-klijent b'kull investiment u proposta u kien il-klijent Ilmentatur li iddecieda jinvesti flusu f'investimenti mas-Socjetà Esponenti minghajr ebda perswazjoni, kif ukoll li l-klijent Ilmentatur ried imghax gholi allavolja gie spjegat li dan ifisser riskju oghla.

Niccaraw ukoll illi l-klijent qed jipprezenta kaz '*Evelyn Farrugia u Rev Fr Daniel Farrugia vs GlobalCapital Financial Management Unit Ltd.'*

Dan il-kaz jikkoncerna bejgh ta' ***Complex Instrument – Lifemark SA Secure Income Bond***. Fl-ebda mument ma qatt gie rrakkomandat lill-Ilmentatur *complex instrument* minghand is-Socjetà Esponenti jew ir-rapprezentanti taghha. Fil-fatt kull tranzazzjoni li ghamel l-Ilmentatur, kemm dawk li qed jilmenta fuqhom kif ukoll madwar 27 (sebgha u ghoxrin) tranzazzjoni ohra li konvenjentement mhux qed jissemmew, kollha kienu tranzazzjonijiet go prodotti semplici u mhux kumplessi. Nikkwotaw is-sentenza '*Illi minkejja dawn ic-cirkustanzi, il-kumpanija konvenuta investiet flushom fi prodotti komplessi fuq suq ta' traded life insurances, b'riskju elevat u li ma setax jigu kkunsidrati bhala suitable u/jew appropriate kif fit-termini jinftiehmu skont it-teknika u s-sengha tal-investment services li kieku t-testijiet ta' suitability u appropriateness saru b'mod diligenti u meqjus kif jitolbu r-regoli tal-investiment.'*

7. Nistabbilixxu wkoll il-bazi tas-'***Suitability Testing'***

Jekk nirreferu ghal '***Client Fact Find***' bid-data 12 ta' Marzu 2010 (***Dok CFI02***) fejn hemm dokumentati illi l-Ilmentatur kien:

- Investitur *Retail*
- Irtirat mix-xoghol (*Taxi Driver*)
- Kellu portafoll ta' investimenti ta' madwar Eur140,000
- Kellu flus il-bank ta' madwar Eur80,000
- Kien familjari mas-servizz ta' *Stockbroking*
- Investa go numru ta' *Stocks/Shares/Bonds* ma' provdituri ohra
- Saret tranzazzjoni ta' Eur50,000 f'Marzu biex jinxtara *bond rated* B1 *Moody's* li inxtrat bi prezz ta' 72% u inbieghet fi ftit gimghat bil-prezz ta' 78% li tindika spekulazzjoni u riskju ta' certu livell accettat minghand l-ilmentatur
- Ried jerga' jinvesti l-ammont ta' Eur37,000 f'*bonds* simili fuq madwar 4 snin
- L-oggettiv kien li jiehu imghax gholi kif ukoll jaghmel qligh kapitali
- Riskju stabbilit bhala *High Risk*
- L-ebda dipendenza fuq dan l-ammont investit

Is-Socjetà Esponenti ikkonfermat dan kollu mal-Ilmentatur u l-istess iffirma id-dokument. Mhux talli hekk, izda din l-informazzjoni u analizi li

ssir qabel ma wiehed jaghti rakkomandazzjoni saret ghal darba, tnejn, tlieta u kull darba giet ikkonfermata minghand l-Ilmentatur. Fil-fatt, l-Ilmentatur mhux qed jikkontesta l-istess analizi ghas-*suitability testing* li saret meta gew rakkomandati prodotti ohra, inkluzi *bonds* ohra b'*ratings* simili jew aktar riskjuzi. Però, il-fatt li l-affarijiet marru tajjeb mhux qed jinghad fuq dawn illi nikkwotaw '*ma kinux jghoddu ghalija, persuna li dak iz-zmien kont digà pensjonant.'* Infatti uhud minn dawn saru anke wara s-sena 2010 meta l-istess Ilmentatur kiber izjed fiz-zmien.

Kif zgur gie mgharraf, hemm element ta' risku meta wiehed jinvesti f'dan it-tip ta' *bonds* ghalkemm jinvolvu wkoll prospett ta' qligh oghla min-normal. Qabel ma inghata l-kunsens biex isiru dawn l-investimenti, inghatat l-informazzjoni fuq kull tranzazzjoni (***Dok CFI03***) li tinkludi l-karatteristici ta' kull *bond* offrut, min huwa l-i*ssuer*, is-settur u minn xiex jista' jigi effettwat, u l-ispejjez relatati. Inghataw ukoll, b'mod car, b'Ingliz semplici rigward ir-riskji tal-prodott. Dan kull darba li gew investiti xi flus jew sar xi caqliq. Insemmu ukoll li dawn il-*bonds* inxtraw fiz-zmien meta kollox kien qed jindika li ma kienx hemm problemi, u li ma kien hemm l-ebda garanzija tal-kapital specjalment wara tant zmien fejn ic-cirkostanzi jafu jinbidlu minn meta kienet saret it-tranzazzjoni.

Niccaraw ukoll li qatt ma inghatat jew setghet tinghata garanzija fuq il-kapital mis-Socjetà Esponenti jew mir-rapprezentanti taghha. Meta inxtara l-*Bond* tal-Grecja f'Mejju tal-2010, dan inxtara bil-prezz ta' 98%. Zgur mhux prezz li wiehed seta' jissuspetta li l-Grecja ma kienx ser ikompli jkollha is-sostenn tal-Unjoni Ewropea. Fic-cirkustanzi ta' dak iz-zmien ghalkemm kien qed iberraq il-Grecja, kien hemm fiducja li s-sitwazzjoni setghet timmeljora hafna. Dan kien rifless fil-prezz tas-suq. Fl-istess gurnata l-Ilmentatur ta l-kunsens biex jixtri *bond* iehor ta' *OTP Bank* bil-prezz ta' 90% (***Dok CFI04***). Inkomplu ninnotaw tul is-snin aktar tranzazzjonijiet, dejjem go *bonds* simili b'*ratings* baxxi u hafna drabi kien hemm qligh sostanzjali. Dawn mhux qed jigu kkontestati. Inzidu wkoll illi l-Ilmentatur zied l-investiment fil-Grecja meta ra li l-prezz nizel ghal 88%.

Dan sar f'April 2011 meta fl-istess laqgha ried izid ukoll *bond* tal-Venezuela bil-prezz ta' 89%. Insemmu wkoll li hu kien digà investa fil-Venezuela bil-prezz ta' 86% f'Marzu 2011. L-istess tip ta' tranzazzjonijiet baqghu

ghaddejjin u f'Marzu 2013, inxtara l-*bond* ta' *New World Resources* bil-prezz ta' 90%. L-istess argumenti u analizi japplikaw anke hawnhekk. Ma nahsibx li wiehed jista' jiddubita x'kienu l-preferenzi tal-Ilmentatur Investitur. X'tip ta' riskju kien lest li jiehu u x'tip ta' qligh u imghax kien qed jistenna. Ma hemmx l-icken ta' dubju fuq dan.

Kull korrispondenza u kuntratti intbaghtet fl-indirizz tal-Ilmentatur. Il-*financial adviser* dejjem wiegeb ghal kull domanda u anke intbaghtet kull kopja ta' korrispondenza u spjega li ntalbet. Però, hu importanti jinghad li kull dokumentazzjoni b'informazzjoni importanti ghal kull decizjoni ta' investiment inkluz ir-*risk warnings* skont il-*conduct of business rules,* inghata qabel it-tranzazzjoni u anke giet ikkonfermata u ffirmata minghand l-Ilmentatur (***Dok CFI03).***

8. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-Ilment huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u ghandu jigi michud bl-ispejjez ghaliex:

a) Illi d-dannu jew telf li garrab l-Ilmentatur, jekk sehh, sehh totalment bhala rizultat ta' cirkostanzi, avvenimenti u interventi ta' terzi li fuqhom assolutament ma kellhom jew ma seta' jkollhom l-ebda kontroll is-Socjetà Esponenti. Ghalhekk kwalunkwe telf li garrab l-Ilmentatur fuq il-*bond* mahruga minghand ***Hellenic Republic*** u ***New World Resources*** huwa rizultat ta' *Market* u *Credit Risk*, riskju inerenti ta' kull investiment finanzjarju (u dan kif gie spjegat lill-Ilmentatur mir-rapprezentanti tas-socjetà konvenuta, kif ukoll miktub fid-dokumenti provduti lill-Ilmentatur liema dokumenti huwa stess kien iffirma, u kif ukoll spjegat lilu fil-korrespondenza qabel dan l-Ilment (***Dok CFI05***), u liema *bonds* inkluzi fil-portafoll kienu, fil-hin meta nghata l-parir jghoddu jew *suitable* ghalih, dejjem kienu maghzula *bonds* li ma jaqghux taht il-kategorija ta' '*complex instruments'* u konformità mal-istruzzjonijiet tal-Ilmentatur stess; is-Socjetà Esponenti issostni li fil-mument li fih inghata l-parir ma kien hemm xejn x'juri li l-*bonds* li dwarhom qed isir l-ilment kienu suggett ghal riskju akbar minn dak li kien indikat fil-prezz li bih inxtara. Biss biss insemmu li meta inxtraw il-*bonds* il-prezz kien vicin 98% u 90% rispettivament li kien jindika fiducja shiha fuq il-kapacità finanzjarja tal-*Bond Issuer.* Inzidu wkoll illi l-

Ilmentatur dejjem seta' wkoll jaghzel li jbiegh bhalma ghamel drabi ohra, però, minflok zied l-investiment meta dan waqa'. Minflok waqaf jinvesti u jiehu flusu l-bank minhabba ic-cirkustanzi tal-Grecja li sehhew fis-sena 2012, l-Ilmentatur baqa' jinvesti fl-istess tip ta' *bonds* riskjuzi b'imghax gholi, dan sas-sena 2013 (***Dok CFI06***). Seta' halla flusu l-bank jew post iehor biex inaqqas ir-riskju. Però, huwa ipprefera jkompli jinvesti u issahhah l-argument li mhux talli kien jippreferi dawn it-tip ta' *bonds,* izda jikkonferma r-rizultat tal-analizi tas-*Suitability Testing* li sar regolari u li zgur mhux forsi, dawn kienu *bonds*/investimenti li kienu *suitable* skont l-oggettivi, preferenza ta' riskju tal-Ilmentatur. Dan kollu dokumentat u iffirmat. L-ebda artiklu fid-Direttiva tal-*MiFID* (1) ma tirrikjedi firma fuq *Suitability Assessment* u lanqas ma hu stipulat kif ghandu jsir dan it-test, sakemm wiehed jista' jipprova li dan sar u li r-rizultat kien sodisfacenti.

b) L-investiment madwar l-Ilment kien maghmul minn portafoll ta' *bonds* li jaqghu taht il-kategorija ta' '*non complex*', jigifieri dawn m'humiex investimenti li huma komplikati biex tifhimhom jew hemm bzonn ta' esperjenza estensiva bhal fil-kaz ta' investimenti kumplessi biex wiehed ikun jista' jinvesti fihom. Fil-fatt, l-istess Ilmentatur dejjem investa fl-istess tip ta' investimenti tul ir-relazzjoni tieghu mas-Socjetà Esponenti. Ghalhekk mhuwiex gust li wiehed issa qed jikkontesta jekk dan l-investiment ma kienx *suitable.* Allura ma jregix li dawn l-investimenti li marru tajjeb kienu *suitable* ghalih izda mhux dawk ilmentati li kienu tal-istess kategorija ma kinux *suitable.* Jew *suitable* jew mhumiex. Mill-bidu tar-relazzjoni ma' CFI s'issa, l-Ilmentatur ircieva aktar minn Eur43,000 (tlieta u erbghin elf Ewro). Fil-fatt, kollox ma' kollox, l-investitur ghandu qligh ta' Eur41,000 (wiehed u erbghin elf Ewro) (***Dok CFI07***) u mhux telf fuq l-investimenti tieghu anke wara li tnaqqas it-telf ilmentat. **Zgur li ma jregix li dak li jmur tajjeb igawdih l-Ilmentatur u dak li jmur hazin jintalab kumpens minghand is-Socjetà Esponenti biex taghmel tajjeb ghalih.**

9. Ma tezisti u lanqas ma nghatat, kif ma setghetx tinghata, ebda garanzija awtomatika li investiment bhal dak jirrendi dak li kien minnu mistenni kif ukoll jithallas lura l-kapital wara li jimmatura ghaliex l-investiment hu dak

li hu u l-investitur ma jistax jibdel il-karatteristici tieghu. Is-Socjetà Esponenti dejjem imxiet mal-obbligi taghha, skont kif tirrikjedi l-ligi u anke bosta regolamenti taht il-*MiFID* (*The Markets in Financial Instruments Directive*) minghajr ebda preferenza lejn xi tip jew grupp ta' klijenti fuq iehor.

10. L-obbligi ta' *Crystal* skont il-ligi u skont il-ftehim mal-klijent tat-*Terms of Business* huwa li tibghat *statement* kull sena b'valutazzjoni korretta u li tinforma lill-klijent dwar xi *default* jew *corporate actions* li jista' jkun hemm fuq il-*bond* investit.

11. Fl-ahhar nett insostnu li dan huwa ilment frivolu ta' investitur li kellu l-esperjenza u kien lest jispekula biex jaghmel qligh li fil-fatt ghamel. Ghax minkejja t-telf ilmentat, il-klijent ghamel qligh sostanzjali kif hawn spjegat fuq il-portafoll shih li kellu mas-Socjetà Esponenti. Huwa facli u dizonest li minkejja dan, l-Ilmentatur qed jipprova jaghmilha tal-hmar biex ma jhallasx dwana. Huwa skandaluz li xi hadd jippretendi li jgawdi l-qligh fejn dan sar fuq il-pariri tas-Socjetà, izda jzomm lis-Socjetà Esponenti responsabbli ghal telf li garrab fejn il-parir tas-Socjetà, minkejja li l-parir kien *suitable* u floku fil-punt li fih inghata. Huwa wkoll dizonest li l-Ilmentatur jipprova jizgwida lill-Arbitru billi jiccita *case law* li tirrigwardja pariri dwar investiment fi prodotti kumplessi fejn l-obbligu tal-*Investment Advisor* huwa ferm izjed oneruz minn meta jkun qed jaghti parir fuq prodotti semplici bhalma huwa l-kaz f'dan l-Ilment.

12. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

**Sema' lill-partijiet**

**Ra l-atti kollha tal-kaz**

**Jikkonsidra:**

***Eccezzjonijiet Preliminari:***

Il-provditur tas-servizz ta zewg eccezzjonijiet preliminari.

*Eccezzjoni a bazi tal-Artikolu 17 tat-Terms of Business Agreement*

Il-provditur tas-servizz ta eccezzjoni li l-Arbitru m'ghandux gurisdizzjoni ghaliex skont it-*Terms of Business Agreement* , Artikolu 17 tal-istess, jipprovdi li kwalunke tilwima trid tigi referuta lill-Qrati Maltin u, ghalhekk, l-Arbitru ma jistax jisma' l-kaz.

L-Arbitru qed jichad din l-eccezzjoni peress li:

i. Meta sar dan il-kuntratt ma kienx ghadu twaqqaf l-Ufficcju tal-Arbitru u, ghalhekk, il-partijiet ma setax kellhom l-intenzjoni li jeskluduh;

ii. Ghaliex ukoll il-klawsola 17 tat-*Terms of Business Agreement* normalment tintuza f'kuntest internazzjonali fejn trid issir ghazla bejn il-ligijiet diversi li japplikaw ghall-kuntratt u wkoll liema qorti jkollha gurisdizzjoni.

Dan gie kkonfermat u elaborat f'decizjonijiet tal-Qorti tal-Appell, fosthom, f'dik fl-ismijiet ***Theresa Camilleri vs Crystal Finance Investments Ltd*. deciza fil-5 ta' Novembru 2018,** fejn il-Qorti irriteniet illi:

'*L-Artikolu 21(1)(a) hu ntiz ghall-konsumatur fis-sens li l-ghazla hi tieghu fejn ghandu jfittex ghal rimedju fir-rigward ta' ilment relatat mal-imgiba ta' provditur ta' servizz finanzjarju'.*

Il-Qorti ziedet ukoll:

'*Il-kuntratt li ffirmaw il-partijiet hu tat-tip standard form fejn il-konsumatur ikun f'pozizzjoni ta' take it or leave it ghaliex ma jkollux bargaining power. Ghall-qorti meta fil-11 t'April il-partijiet iffirmaw il-kuntratt, klawsola 17 ma kinetx taghmel sens meta tqis li:*

*i. Fil-ftehim li sar ma kienx hemm xi element internazzjonali bejn il-partijiet. Choice of Jurisdiction Clause normalment issir sabiex kwistjoni tinqata' minn qorti ta' pajjiz maghzul u mhux minn qorti f'pajjiz iehor;*

*ii. Fi zmien li kien iffirmat il-kuntratt, il-qrati kienu l-uniku post fejn parti setghet tfittex ghal rimedju kontra l-parti l-ohra minghajr htiega tal-kunsens tal-parti l-ohra. F'dak iz-zmien l-Att dwar L-Arbitru ghas-*

*Servizzi Finanzjarji ma kienx ligi … Ghalhekk zgur li f'dak iz-zmien il-partijiet ma setax kellhom l-intenzjoni li jeskludu r-rimedju li jaghti l-Kap. 555 lill-konsumatur, galadarba kien rimedju li ma jezistix ...'*

Il-Qorti ikkonkludiet:

*'Il-Qorti hi tal-fehma li hemm cirkostanzi specjali li xorta jwassluha sabiex tiskarta klawsola 17 tal-kuntratt minhabba li m'hemmx dubju li fiz-zmien li l-partijiet iffirmaw il-kuntratt hadd minnhom ma seta' kien qieghed jipprevedi l-introduzzjoni tal-Kap. 555. Ir-rimedju li jaghti l-Kap. 555 lill-konsumatur huwa wiehed ad hoc bil-ghan li jissimplifika l-access tal-konsumatur tas-servizzi finanzjarji ghal rimedju kontra l-provditur tas-servizz. Rimedju li ma kienx jezisti fiz-zmien li l-partijiet iffirmaw il-kuntratt u li ghalhekk l-appellata qatt ma setghet irrinunzjat ghalih'.*

Dan kollu gie kkonfermat f'decizjonijiet ohra tal-Qorti tal-Appell kontra l-istess provditur tas-servizz fuq eccezzjoni identika, fosthom, dik recenti fl-ismijiet: ***Mary Anne Vella vs Crystal Finance Investments Ltd.*** **tal-11 ta' Frar 2019.**

L-Arbitru jaghmel tieghu il-motivi espressi mill-Qorti tal-Appell 'il fuq imsemmija u ghar-ragunijiet moghtija qed jichad din l-eccezzjoni.

***Eccezzjoni dwar Nullità***

Din l-eccezzjoni hija wahda fiergha ghaliex hija pprezentata a bazi tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili li ma japplikax ghall-Ufficcju tal-Arbitru fejn il-procedura hija stabbilita bil-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta li ma tikkontempla l-ebda nullità fil-formalità tal-ilment u lanqas nullitajiet ohra.

M'hemm xejn null fl-ilment u l-provditur tas-servizz ma garrab l-ebda pregudizzju mill-format tal-ilment tant li ghamel risposta elaborata li turi li fehem ezattament x'inhu l-ilment.

Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**Fil-Mertu**

**L-Arbitru jrid jiddeciedi l-ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.**[1]

Ir-relazzjoni tal-ilmentatur mal-provditur tas-servizz bdiet fis-sena 2010, wara li l-ilmentatur kien digà kellu kuntatt mar-rapprezentant tal-istess provditur tas-servizz meta dan kien impjegat ta' kumpanija ohra.

Fl-ilment tieghu, l-ilmentatur sahaq li gew mibjugha lilu prodotti li ma kinux jghoddu ghalih peress li dak iz-zmien kien digà pensjonant. Sahaq ukoll li kien qed jaghmel l-ilment ghax hass li ma kienx nghata parir tajjeb ghax, minkejja li hu kien ilu jafda lir-rapprezentant ghal bosta zmien, dan ma mexiex tajjeb mieghu.

Certament li fir-relazzjoni bejn il-partijiet, il-provditur tas-servizz kellu d-dmir li jagixxi fl-ahjar interess tal-investitur, dan hekk kif inhu obbligat li jaghmel skont *Investment Services Rules for Investment Services Providers*[2] mahruga mill-*MFSA* kif ukoll id-Direttiva *MiFID,* partikolarment skont regolament li jghid:

*'When providing Investment Services to clients, a Licence Holder shall act honestly, fairly and professionally in accordance with the best interests of its clients and shall comply with the relevant provisions of the Act, the Regulations issued thereunder, these Rules as well as with other relevant legal and regulatory requirements ...'*[3]

Taht l-istess *Standard Licence Conditions*, meta provditur tas-servizz ikun qed jaghti parir finanzjarju, huwa obbligat li jikseb taghrif necessarju minghand klijenti prospettivi biex ikun jista' jifhem fatti essenzjali dwar il-klijent u jkollu bazi ragjonevoli biex jemmem – wara li jiehu konoxxenza tan-natura u t-tip ta' servizz provdut – li t-tranzazzjoni specifika li qed tigi rrakkomandata, tissodisfa dawn il-kriterji:

- li tilhaq l-oggettiv tal-investiment tal-klijent;
- li hija tali li l-klijent ikun finanzjarjament jiflah ghar-riskji relatati mal-investiment konsistenti mal-oggettiv tal-investiment tieghu; u

[1] Kap. 555, Art. 19(3)(b)
[2] *ISR – Part B1: Standard Licence Conditions applicable to Investment Services Licence Holders which qualify as MiFID firms*
[3] *ISR – Part B1 Rule 2.01*

- li hija tali li l-klijent ghandu t-taghrif u l-esperjenza necessarja biex jifhem ir-riskji tat-tranzazzjoni.

Primarjament, tajjeb li jinghad li l-*Confidential Client Fact Find for the Suitability Test*[4] li gie pprezentat mill-ilmentatur, fih pagni neqsin, partikolarment dawk b'referenza ghall-objettiv tal-investiment u l-profil tar-riskju tieghu. Fit-twegiba ghall-ilment, meta saret referenza ghal dan l-istess *Client Fact Find*, il-provditur tas-servizz qal[5] li l-objettiv tal-investiment tal-ilmentatur kien li jiehu imghax gholi kif ukoll jaghmel qligh kapitali. Il-fatt li l-ilmentatur ried investimenti b'imghax gholi, sostnieh ukoll ir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz fl-*affidavit*[6] tieghu.

L-istess rapprezentant sostna ukoll li meta l-ilmentatur rega' investa fil-*bond* tal-Grecja ghat-tieni darba:

*'... qalli illi ried japprofitta ruhu mill-fatt illi l-prezz kien anqas mill-ewwel darba li xtrahom."'*[7]

Dawn huma aspetti li fl-ebda hin ma gew ikkontestati mill-ilmentatur.

Fis-sottomissjonijiet tieghu, l-ilmentatur qal[8] li kien imur jinvesti flusu ghand intermedjarju bit-tir li wara numru ta' snin jaghmel qligh kemm jista' ikun kbir, li hija certament dikjarazzjoni cara tal-fatt li l-ilmentatur kien l-aktar interessat fil-qligh li hu kien ser jaghmel mill-investimenti, u dan l-objettiv ovvjament kien qed izid ir-riskju.

Fil-fatt, il-lista ta' tranzazzjonijiet li hu ghandu jirriflettu dan l-ghan principali tieghu, ghax huma investimenti li, fil-maggor parti taghhom, joffru rata ta' interessi sostanzjali filwaqt li tul ir-relazzjoni tieghu mal-provditur tas-servizz, ircieva ammont sostanzjali f'kupuni.

Ghalkemm l-ilmentatur issa qed jargumenta li hu kien dejjem jimxi fuq il-parir li kien jaghtih l-*advisor*, zgur li l-esperjenza li hu ghandu, tikkunsidra anke li r-relazzjoni tieghu ma' *Crystal* ma kinitx l-ewwel tax-xorta taghha fl-investimenti

[4] *A fol.* 23
[5] *A fol.* 81
[6] *A fol.* 216
[7] *A fol.* 217
[8] *A fol.* 264

ghax kien digà ghamel tranzazzjonijiet ohrajn ma' provditur tas-servizz iehor, zgur li kien konxju tal-fatt li wiehed mill-fatturi principali tal-investiment hu li imghax gholi jgib mieghu riskju oghla.

Il-provditur tas-servizz jghid ukoll li l-ilmentatur kien ifittex li jaghmel gwadann kapitali, fattur li, kif intqal aktar kmieni, ma gie fl-ebda hin ikkontestat mill-ilmentatur. Il-provditur tas-servizz qal[9] ukoll li z-zewg investimenti li dwarhom qed jitressaq dan l-ilment, it-tnejn li huma nxtraw bi prezz *below par* u, aktar u aktar, meta saret it-tieni tranzazzjoni fil-*Hellenic Republic* fejn, minkejja li l-prezz kien nizel aktar, xorta regghet giet investita somma ohra f'din l-istess *bond.* Dan jista' jigi anke ikkonfermat mill-*Confirmation of Purchase*[10] ipprezentati.

Izda, apparti dak li ntqal mill-provditur tas-servizz, jekk fuq kollox tinghata harsa lejn id-dokumenti prezentati relatati ma' tranzazzjonijiet ta' investimenti ohrajn li l-ilmentatur kellu mal-istess provditur tas-servizz, jirrizulta li fil-kaz tal-*bonds* ilmentati, ma kinitx l-ewwel darba li l-ilmentatur jixtri l-investimenti tieghu ghall-prezz *below par* li, minghajr l-ebda dubju, titqies bhala azzjoni spekulattiva bil-ghan li jaghmel anke gwadann kapitali.

Ghalhekk l-ewwel objettiv tas-***suitability test*** intlahaq ghaliex l-objettiv tieghu kien li jimmassima l-qligh billi jinvesti fi prodotti b'imghax gholi; u anke kien jixtri *below par* biex jaghmel gwadann kapitali. L-ilmentatur kien jaf li b'hekk kien qed jirriskja aktar u, ghalhekk, issa ma jistax jghid li kien qed jinghata investimenti li ma kinux jghoddu ghalih.

Dwar it-tieni rekwizit tas-*suitability assessment,* jigifieri jekk l-ilmentatur kienx finanzjarjament jiflah ghar-riskji relatati mal-investiment, jigi innutat li, a bazi tal-kontenut tal-*Client Fact Find*[11] datat 12 ta' Marzu 2010, (u li kien applikabbli fid-data tal-bejgh tal-investimenti ilmentati), jirrizulta li minkejja li d-dhul annwali kien ta' €10,800, hu kellu madwar €80,000 f'depoziti bankarji filwaqt li kellu ukoll madwar €140,000 f'investimenti.

---

[9] *A fol.* 82

[10] *A fol.* 61 (meta *NWR* inxtara ghall-prezz ta' 90.78) u *a fol.* 60 (meta *Hellenic Republic* inxtara ghall-prezz ta' 95.78) u *a fol.* 59 (meta *Hellenic Republic* inxtara ghall-prezz ta' 86.52)

[11] *A fol.* 23

Dan kien il-*Fact Find* komplut fil-bidu tar-relazzjoni tal-ilmentatur mal-provditur tas-servizz u, ghalhekk, jirrizulta li l-ammont li hu kien ser jinvesti mal-provditur tas-servizz ma kienx l-uniku ammont li hu kellu disponibbli u kien lest li jirriskja.

Barra minn hekk, jekk tinghata harsa lejn il-*Gain/Loss Analysis*[12] ipprezentata, tul ir-relazzjoni tieghu mal-provditur tas-servizz, l-ammont investiti f'diversi tranzazzjonijiet ma kinux zghar, u l-ammonti investiti ma kinux l-unici somom li l-ilmentatur kellu, jew li kien jiddependi minnhom sabiex ikun jista' jghix hajja normali u, ghaldaqstant, ma jistax jinghad li hu ma kienx finanzjarjament jiflah ghar-riskji li jgibu maghhom dawn l-investimenti li dwarhom qed jitressaq dan l-ilment.

Dwar l-ahhar rekwizit, jigifieri l-gharfien u l-esperjenza, m'hemmx dubju li l-ilmentatur kellu dak l-gharfien u l-esperjenza necessarja sabiex jifhem ir-riskju tat-tranzazzjonijiet. L-ilmentatur ghamel diversi tranzazzjonijiet ta' investiment, kemm mal-provditur tas-servizz kif ukoll ma' provditur tas-servizz iehor, fatt li l-ilmentatur qatt ma kkontesta jew cahad.

Kif digà ntqal aktar kmieni, il-*Client Fact Find* hekk kif ipprezentat mill-ilmentatur mal-ilment tieghu, ma giex ipprezentat fit-totalità tieghu, u rizultat ta' dan, is-sezzjoni li tindika l-mod kif il-profil tar-riskju tieghu gie kkategorizzat ma gietx sottomessa.

Fit-twegiba ghall-ilment, il-provditur tas-servizz sahaq li r-riskju gie stabbilit bhala *High Risk*[13] filwaqt li fix-xhieda tieghu, ir-rapprezentant tal-istess provditur tas-servizz sostna li hu kklassifika lill-ilmentatur bhala *medium to high investor.*[14]

Jekk tinghata harsa lejn il-*Gain/Loss Analysis*, facilment jista' jigi konkluz li, fil-maggor parti taghhom, l-investimenti li l-ilmentatur kellu mal-provditur tas-servizz ma kinux investimenti b'riskju baxx; dan meta tigi ikkunsidrata biss ir-rata tal-imghax li kienu qed joffru.

Barra minn hekk, dawn kienu ukoll in linea mal-mod kif il-profil tar-riskju tieghu gie kklassifikat. Ghaldaqstant, ma jistax jinghad li l-ilmentatur ma kellux

[12] *A fol.* 198
[13] *A fol.* 81
[14] *A fol.* 262

esperjenza u gharfien f'dawn it-tip ta' investimenti. Jidher ukoll car li ma kienx jiddejjaq jiehu riskju gholi biex jiggwadanja imghax gholi.

L-ilmentatur sahaq li l-investimenti ilmentati ma kellhomx jigu mibjugha lilu ghax hu kien digà pensjonant, izda jidher li wara dawn l-istess tranzazzjonijiet saru diversi tranzazzjonijiet ohra f'*bonds* simili, u minhabba li hu ma garrab l-ebda telf fuqhom, ghazel li ma jargumentax b'dan l-istess mod, anke jekk forsi meta saru dawn l-istess investimenti, hu kellu aktar zmien minn meta saru dawk ilmentati.

Ghalhekk, huwa evidenti li, hekk kif anke sostna hu stess fl-ilment tieghu meta qal, *'L-investiment li nizzilt f'sezzjoni C gew b'valur ferm baxx milli kont imwieghed,'*[15] ir-raguni li ghaliha qed iressaq dan l-ilment huwa minhabba li l-andament tal-investiment ma kienx wiehed pozittiv u, ghalhekk, hu sostna xi telf mill-kapital investit.

Barra minn hekk, evidenza li turi li l-ilmentatur ma kienx jiddejjaq jissogra huwa l-fatt li hu rega' investa somma ohra fil-*Hellenic Republic* meta l-prezz ta' din l-istess *bond* nizel u kien digà hemm indikazzjonijiet negattivi fuq il-Grecja. Jekk wiehed isemmi biss l-investiment fin-*New World Resources*, dan sar meta kien digà jidher li l-investiment fil-Grecja hemm il-problemi. Kieku persuna ma riditx tiehu r-riskju li jgib mieghu investiment ma kinetx tispekola u tidhol f'investiment iehor meta digà kien hemm il-problemi f'investiment iehor li hi ghandha.

Kontra dak li qal l-ilmentatur, hu kien qed jinghata informazzjoni fuq is-sitwazzjoni ta' dak iz-zmien relatata mal-investimenti li kienu qed jigu diskussi. L-istess jista' jinghad ghal meta saret it-tieni tranzazzjoni fil-*bond* tal-Grecja.

Ir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz qal li:

*'... is-Sur QW rega' ghazel illi jinvesti fil-bond tal-Grecja fit-18 t'April 2011 wara illi kont spjegajtlu s-sitwazzjoni u l-affarijiet kif bdew jizvolgu fil-mument, u qalli illi ried japprofitta ruhu mill-fatt illi l-prezz kien anqas mill-ewwel darba illi xtrahom.'*[16]

[15] *A fol.* 4
[16] *A fol.* 217

Fattur li ma gie fl-ebda hin ikkontestat. Ghalhekk jirrizulta li l-ilmentatur kellu l-informazzjoni f'idejh meta gie biex jiehu d-decizjonijiet necessarji u ghazel li jiehu decizjonijiet spekulattivi li certament ma jittiehdux minn persuna kawta u li l-ghan principali taghha huwa l-preservazzjoni tal-kapital.

Fuq kollox, dan jimplika li d-decizjonijiet kollha li ttiehdu mill-ilmentatur kienu bi hsieb li hu jilhaq l-objettivi tal-investiment, u li dan zgur jikkorrobora l-fatt li hu kellu t-taghrif u l-esperjenza f'dan il-qasam li wassluh biex jaghmel dan.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet moghtija aktar 'il fuq f'din id-decizjoni, is-*suitability assessment* li sar mill-provditur tas-servizz kien jissodisfa t-tliet kriterji rekwiziti meta jinghata parir ta' investiment u, ghalhekk, ma sar xejn hazin min-naha tal-provditur tas-servizz meta dan offra l-*Hellenic Republic* u n-*New World Resources* lill-ilmentatur.

Barra minn hekk, jirrizulta li huwa evidenti li r-raguni li ghaliha gie mressaq dan l-ilment kienet sempliciment il-fatt li l-ilmentatur sostna telf mill-kapital li hu nvesta, li waheda ma taghtix lok ghal ilment.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha moghtija f'din id-decizjoni, l-Arbitru qed jichad l-ilment.

Peress li l-Arbitru cahad l-eccezzjonijiet preliminari tal-provditur tas-servizz kull parti thallas l-ispejjez taghha.

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**